MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Rikors Numru. 84/2006/1

**Pawlu Saydon Id No 316531(M)**
**Carmelo Saydon ID No 300236(M)**
**Vincenza Borg ID No. 643533(M)**
**Salvu Saydon ID No. 540723(M)**
**George Borg ID No. 557644(M)**
**Annunziata Borg ID No. 224631(M)**
**Maria Camilleri ID No. 618933(M)**
**Josephine Borg ID No. 72135(M)**
**Grace Borg ID No. 488389(M)**
**Rennie Tonna ID No. 145143**
**George Borg ID No 557644(M)**
**Helen Borg ID No. 688145(M)**

**vs**

**Rose Aquilina**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond 69, Msida Street. B'kara u hemm kera ta' sitt Liri Maltin (Lm6.00) fis-sena li tithallas kull sena;

Illi l-post jintuza ghall-post ta' abitazzjoni;

Illi l-intimata recentement ghamlet alterazzjonijiet strutturali fil-fond minghajr il-kunsens tal-propjetarji u nifded il-post meta xrat il-fond ta' hdejha u ghamlitu post wiehed kif ukoll saqqfet il-bitha;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-fond u jordna lill-intimata tivvaka mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilha.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata li tghid hekk;

1. Illi t-talba tar-rikorrenti sabiex l-esponenti tizgombra mill-fond ghandha tigi michuda stante li hi infondata fil-fatt u fi dritt.

2. Illi huwa minnu li l-intimata nifded il-post izda ghamlet hekk sebgha u ghoxrin sena ilu u dan bil-kunsens ta' Pawlu Saydon u inoltre kienet saqfet il-bitha izda dan madwar sebgha u tletin sena ilu.

3. Illi l-allegazzjoni li recentement saru xi alterazzjonijiet hija wahda inveritiera ghal kollox kif ser tigi ppruvata waqt il-kawza.

4. Illi l-kawza m'hiex xejn hlief tentattiv sabiex r-rikorrenti jittentaw jipprovaw jiehdu l-post lura u dan minghand ebda raguni valida fil-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza ghar-ripreza ta' fond appartenenti lir-rikorrenti u mikri lill-intimata, liema ripreza qed tintalab fuq il-premessa illi l-intimati ghamlu tibdil strutturali minghajr il-permess tas-sidien. Mill-provi akkwiziti u ezami tal-atti processwali, huwa terren komuni bejn il-partijiet illi fl-origini tieghu il-fond kien jikkonsisti f'zewgt ikmamar u bitha. L-intimata mhux talli ma tichadx, izda tikkonferma illi nifdet il-fond *de quo* mal-fond adjacenti li jappartjeni lilha, kienet saqqfet parti mill-bitha permezz ta' saqaf temporanju tal-*corrugated asbestos sheeting* u infurrat il-katuzi li kienu jaghtu ghall-bitha billi bniet hajt forma ta' "L" biex b'hekk inholoq speci ta' *shaft*;

Ix-xogholijiet deskritti *supra* huma grafikament riprodotti minn ritratti esebiti mill-istess intimata li tikkontendi li ma ghamlet xejn kontra l-ligi ghaliex li ghamlet kien kollu bil-kunsens tar-rikorrenti Pawlu Saydon u Josephine Borg. Fattur li jikkorrobora l-eghmil ta' dawn ix-xogholijiet hija r-relazzjoni tal-periti membri tal-Bord a fol. 40 sa 53 tal-process. Pero' dwar dan, ic-Chairman tal-Bord qieghed minnufih jiccensura l-maggior parti tieghu ghaliex hlief ghall-kostatazzjonijiet hemm maghmula, l-kumplament huwa kollu *ultra vires*. Il-kompitu tal-periti membri kien li jikkonstataw ix-xoghol lamentati mir-rikorrenti b'mod li c-Chairman tal-Bord ikollu stampa cara ta' dak allegat u jevita li jmur hu fuq il-post. Minkejja dan, l-periti membri assumew l-inkarigu li jaghmlu konsiderazzjonijiet u jirredigu konkluzzjonijiet ta' natura legali mhux biss meta mhumiex kompetenti jaghmlu dan, izda meta qatt ma kienu hekk assenjati u qabel mal-partijiet ressqu l-provi taghhom. Ic-Chairman, ghalhekk qieghed jiskarta kull parti tar-relazzjoni li strettament ma tikkoncernax aspetti ta' kostatazzjoni fizika tal-fond;

Jemergi ukoll mill-atti illi dan il-fond kien rekwizzizjonat mill-Awtoritajiet u kellu referenza R.O. 21584 ( vide deposizzjoni a fol 75 u Dok CA 1 a fol 77) u. Rapprezentant tal-Awtorita' tad-Djar ikkonfermat illi l-fond

kien rekwissizzjonat izda qatt ma ngiebet prova li f'xi zmien inhareg ordni ta' derekwissizzjoni u ordni bhal din hija essenzjali ad validitatem sabiex is-sidien ikunu jistghu jagixxu quddiem dan il-Bord, altrimenti, kull dritt litigjuz jibqa' biss il-prerogattiva tal-Awtorita' tad-Djar. Dan l-aspett wahdu gia jippregudika serjament l-ezitu ta' dawn il-proceduri anke ghaliex wara d-deposizzjoni tar-rapprezentant tal-Awtorita' tad-Djar li qalet li jidrilha li l-fond m'ghadux rekwissizzjonat, ir-rikorrenti ma nsistewx ghall-provi dwar dan l-aspett.  Dawn il-proceduri huma wkoll kompromessi mill-fatt emergenti illi l-kirja originat f'isem Emmanuel Aquilina, jigifieri zewgt l-intimata odjerna u mhux f'isem l-istess intimata kif premess.  Dwar dan qed issir referenza ghall-kopja taz-zewg ricevuti esebiti a fol. 86 li juru b'mod inkonfutabbli illi l-fond kien mikri lill-Emmanuel Aquilina;

Ikkunsidra inoltre, illi *gratia argomenti*, l-aspetti proceduri appena konsiderati, ma huma ta' ebda pregudizzju ghall-prosegwiment tal-kawza, jibqa' sabiex ikun deciz l-fatt jekk ix-xogholijiet lamentati ghandhomx iwasslu ghas-sanzjoni estrema tal-izgombru.  Rikaptata l-kwestjoni tax-xogholijiet ghalhekk, huwa palezi illi Emanuel Aquilina, *qua* inkwilin tal-fond in mertu kien ghamel fetha fil-hajt ta' wahda miz-zewgt ikmamar sabiex ikreja bieb u b'hekk niffed dan il-fond ma' fond li kien ghandu kemm xtara u li jinsab adjacenti u fl-istess waqt sottostanti l-fond l-iehor tieghu. Dan kien rifless ukoll fin-numru tad-dar fuq barra li jindika numru 68/69 (vide Dok PS1 sa PS4 fol 21).  Emanuel Aquilina jghid li dan it-tniffid sar meta akkwista l-fond adjacenti fl-1985 u dan bil-permess tas-sidien Pawlu Saydon u Josephine Borg, liema kusnens kien bil-miktub u li kien ghadda d-dokumenti lill-Awtorita' tad-Djar.  Dawn izda qatt ma kienu prodotti mill-intimata.  L-intimat tikkonferma ukoll illi kienet gholliet il-hajt tal-gnien u saqfet l-istess b'mezzi temporanji kif deskritt *supra* u dan ghaliex ma kellhomx privatezza ta' xejn mill-girien taghha.  Maz-zmien, izda nehhiet is-saqaf temporanju u baqa' biss il-hajt.  Inoltre, sabiex tghatti l-katusi li kienu nezlin mill-fond sovrastanti, inbena hajt forma ta' "L" biex meta maghqud mal-hajt ezistenti, ifforma speci ta' xaft biex jghatti dawn il-katusi;

L-azzjoni odjerna hija bazata fuq l-allegat ksur ta’ obbligu tal-inkwilin naxxenti mill-Kodici Civili Kap 16 li l-inkwilin ghandu jiehu hsieb tal-haga mikrija li mhux konsentit lilu li jaghmel tibdil fil-haga jekk mhux bil-kunsens tas-sid. Tajjeb izda li ssir referenza ghas-sentenzi tal-Qrati taghna in rigward. Fil-kawza **Cynthia Debono et vs Joseph u Erminia konjugi Tanti, App 1.12.2004** il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet illi “Jidher minn skorta ta’ sentenzi illi l-precitat Artikolu 1564 tal-Kapitolu 16 gie temprat sew fuq l-insenjament ta l-awturi bhal Pacifici Manzoni u l-Laurant. Dan fis-sens illi gie zviluppat il-principju illi l-kerrej jista’ jaghmel alterazzjonijiet basta jkunu parzjali u mhux ta’ importanza kbira, ma jbiddlux id-destinazzjoni tal-fond, ma jippregudikawx id-drittijiet tas-sid u meta l-alterazzjonijiet ikunu necessarji jew utili ghad-dgawdija tal-post u l-fond jista’ jigi riprestinat kif kien qabel meta tispicca l-lokazzjoni. Ara “**Vincenzo Desira vs Angelo spiteri et”, Appell, 7 ta’ Gunju 1977; “Maria Scerri vs Domenico Mifsud”, Appell, 6 ta’ April 1973;**” Issa huwa pacifiku illi ghal zmien twil il-gurisprudenza kienet ittenni illi f’materja bhal dik in rigward l-artikolu 1653 tal-Kodici Civili jiprojbixxi tibdil fil-haga mikrija minghajr il-kunsens tas-sid. Minkejja dan, il-gurisprudenza issa ttendi favur li certu bdil ta’ natura strutturali huwa permess ciononostante basta li dan ikun parzjali, ma jbiddilx id-destinazzjoni tal-fond, ma jippregudikax id-drittijiet tas-sid u tali tibdil huwa mehtieg ghad-dgawdija tal-fond li jista’ jkun riprestinat meta taghlaq il-kirja..

Fil-kawza **Frank Tonna vs Mary Falzon et tad-9 ta’ Jannar 2002**, per Mhallef Onor. R. C. Pace, il-Qorti irriteniet hekk: “…. taht certu cirkostanzi fuq spjegati, nonostante id-dicitura tal-ligi, din giet interpretata fis-sens li l-inkwilin, anke minghajr il-kunsens tas-sid jista’ jaghmel certu miljoramenti u tibdil strutturali, fejn jigu rispettati il-kundizzjonijiet fuq indikati, u li ma jippregudikawz id-dritt tas-sid fuq l-istess fond lokat. Illi dan dejjem japplika fin-nuqqas ta’ ftehim espress, kemm ghal dak li jirrigwarda l-kunsens jew id-divjet sabiex isiru tali alterazzjonijiet, fejn ovvjament ghandha tigi rispettata il-volonta’ tal-partijiet skond il-pattijiet minnhom milhuqa”. Applikat dan ir-

ragjonament ghall-kaz in dizamina, id-divjet ghal tibdil strutturali jemergi mill-Kodici Civili u mhux minn ftehim espress bejn il-partijiet, liema regola, kif appena rilevat, illum hija temprata b'mod li tikkonsentixxi dak it-tibdil li huwa necessarju ghall-ahjar godiment tal-fond *inter alia.* Issa, l-inwkwilina wriet lil dan il-Bord illi dak it-tniffid kien verament mehtieg sabiex tghaqqad dawn iz-zewgt ikmamar mad-dar l-ohra ghall-ghixien decenti taghha u tal-familja, t-tisqif tal-kamra kien mehtieg ghall-privatezza u l-infurrar tal-katusi ghall-htiega ovvju ta' estetika u anke sanitarja.  Dawn ix-xogholijiet bla ebda mod ma huma ta' pregudizzju ghall-istruttura in generali tal-haga mikrija u anqas tas-sidien ghaliex jistghu jitnehhew facilment minghajr ebda opera straordinarja.  Inoltre, l-inkwilna stess qed tikkonferma illi l-fetha tal-bieb ghamiltha hi u dan qatt ma jista' jippregudika lis-sidien f'kaz li l-kirja tintemm ghaliex jistghu facilment jergghu jaghlqu l-istess. Inoltre, is-saqaf tal-kamra, li kien temporanju, wkoll tnehha;

Ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' dan il-Bord illi dan it-tibdil strutturali ma hu ta' ebda konsegwenza pregudizzjali ghas-sidien u ghal dawn il-motivi jichad it-talba tar-rikorrenti;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------